32004R2205

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 2205/2004

tal-21 ta' Diċembru 2004

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 3199/93 dwar ir-rikonoxximent reċiproku ta' proċeduri għall-iżnaturar komplet tal-alkoħol għall-iskopijiet ta' eżenzjoni mit-taxxa tas-sisa

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 92/83/KEE tad-19 ta' Ottubru 1992 dwar l-armonizzazzjoni tal-istrutturi tat-taxxi tas-sisa fuq l-alkoħol u x-xorb alkoħoliku [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 27(4) tagħha,

Wara li kkunsidrat l-opinjoni tal-Kumitat dwar it-Taxxi tas-Sisa,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 27(1)(a) tad-Direttiva 92/83/KEE, l-Istati Membri huma obbligati li jeżentaw mit-taxxa tas-sisa dak l-alkoħol li kien ġie żnaturat kompletament skont il-ħtiġijiet ta' xi Stat Membru, bil-kundizzjoni li ħtiġijiet bħal dawn jkunu nnotifikati u aċċettati skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 3 u 4 ta'dak l-Artikolu.

(2) L-Italja kkomunikat xi tibdiliet fil-proċessi ta' żnaturar awtorizzati bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 3199/93(2).

(3) Il-Kummissjoni bagħtet il-komunikazzjoni msemmija lill-Istati Membri l-oħra fis-26 ta' Novembru 2003.

(4) Ġaladarba la l-Kummissjoni u lanqas xi Stat Membru ma talbu li l-kwistjoni titressaq fil-Kunsill fil-perjodu ta' żmien stipulat, skont l-Artikolu 27(4) tad-Direttiva 92/83/KEE, jitqies li l-Kunsill awtorizza t-tibdiliet imsemmija fil-proċessi tad-żnaturar innotifikati mill-Italja, b'seħħ mis-26 ta' Jannar 2004.

(5) Ir-Regolament (KE) Nru 3199/93 għandu, għalhekk, jiġi emendat skont dan.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-paragrafu li jikkonċerna l-Italja fl-Anness għar-Regolament (KE) Nru 3199/93 b'dan għandu jinbidel b'li ġej:

"L-Italja

L-alkoħol etiliku li għandu jkun żnaturat jeħtieġlu jkollu kontenut ta' alkoħol etiliku ta' mhux anqas minn 83 % bil-volum u ma jkunx anqas qawwi minn 90 % bil-volum meta mkejjel bl-alkoħolimetru tal-KE. Ma kull ettolitru anidruż, żid:

(a) 125 gramma thiophene,

(b) 0,8 grammi denatonium benzoate,

(c) 3 grammi ta' CI Reactive Red 24 (sustanza koloranti ħamra), soluzzjoni ta' 25 % w/w,

(d) 2 litri methyl ethyl ketone.

Sabiex tiżgura s-solubilità sħiħa tal-komponenti kollha, it-taħlita tal-iżnaturant trid tkun ippreparata fl-alkoħol etiliku ta' anqas minn 96 % bil-volum meta mkejjel bl-alkoħolimetru tal-KE.

L-iżnaturar jinkiseb bis-sustanzi elenkati fil-punti a), b), u d). It-thiophene u d-denatonium benzoate ibiddlu l-karatteristiċi organolettiċi tal-prodott, b'tali mod li l-inġestjoni ma tibqax possibbli, filwaqt li l-methyl ethyl ketone, li jagħli f'temperatura ta' (79.6 °C), viċin tat-temperatura li fiha jagħli l-alkoħol etiliku (78.9 °C), diffiċli biex teliminah għajr b'metodi li mhumiex ekonomiċi. Dan jiffaċilita l-kontrolli mill-awtoritajiet finanzjarji biex jidentifikaw xi abbuż possibbli.

L-għan ta' C.I. L-għan tar-Reactive Red 24 huwa li jagħti lill-prodott kulur aħmar karatteristiku, li l-fini tal-prodott jagmilha immedjatament identifikabbli."

[1] ĠU L 316, 31.10.1992, p. 21. Id-Direttiva kif emendata bl-Att ta' Adeżjoni tal-2003.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ dakinhar tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 21 ta' Diċembru 2004.

Għall-Kummissjoni
László KOVÁCS
Membru tal-Kummissjoni